# Nikbru u Nissaħħu



**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*

Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet il-festa ta' Marija Bambina. Kienet sena li għaddiet f'ħakka t'għajn u dan għaliex kienet mimlija b'ħafna impenji fi ħdan l-Għaqda tagħna li hi tant għal qalbna.

L-Għaqda tagħna baqgħet miexja 'l quddiem, sena wara l-oħra. Qatt ma waqafna, imma bqajna għaddejjin naħdmu biex inkomplu nikbru u nissaħħu dejjem iżjed. Biex dan dejjem ikun possibbli, l-Għaqda tagħna għandha bżonn ħafna flus biex torganizza attivitajiet u kif ukoll għall-manutenzjoni li jirrikjedi każin bħal tagħna.

Għall-grazzja t'Alla, dejjem sibna lil min jgħinna fejn għandhom x'jaqsmu finanzi u kif ukoll xogħol volontarju. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lill-membri u l-benefatturi kollha li l-għajnuna tagħhom hija ferm apprezzata.

Fost l-attivitajiet li jinvolvu ħafna spejjeż huma l-programmi tal-banda ta' matul is-sena. F'dawn għandek ħafna spejjeż tal-bandisti barranin li matul iż-żmien dejjem jogħlew. Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk il-bandisti kollha li jattendu għall-kunċerti u s-servizzi li l-banda tagħmel regolarment. Ninsab ċert li qegħdin jagħmlu sagrifiċċji kbar, meta tqis il-ħajja mgħaġġla tal-lum. Nixtieq nagħmel ukoll appell lil dawk il-bandisti l-oħra inqas attivi jew li m'għadhomx jattendu, għal xi raġuni jew oħra, sabiex jagħmlu l-almu tagħhom u jattendu bħalma jagħmlu sħabhom. Il-ftit ta' ħafna nies jagħmel differenza kbira. Għalhekk b'daqsxejn iktar sens ta' responsabbilità mingħand kulħadd, inkunu qed nagħmlu investiment kbir fil-futur tal-banda tagħna. Barra minn hekk l-ispejjeż li niffrankaw mill-bandisti barranin inkunu nistgħu ninvestuhom f'affarijiet oħra għall-ġid tal-Għaqda tagħna.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi ngħid grazzi lil kull min jirreklama f'dan il-ktieb. Grazzi wkoll lil kull min b'xi mod jew ieħor jgħinna biex inkunu nistgħu norganizzaw attivitajiet kulturali u edukattivi b'risq il-komunità Melleħija kollha. Fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi tmur għall-poplu Mellieħi kollu tal-ġenerożità tiegħu matul is-sena.

Il-Festa tajba lil kulħadd.

Silhouette
PHOTO STUDIO
TEL: 21 520016
[redacted]
Il-Management u l-iStaff jawguraw il-Festa t-Tajba
[redacted]